# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 19 ta' Novembru, 2020**

**Rikors Numru 44/2020**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali bin-Numru 366/2020**

**Fl-ismijiet:**

**Princess Holdings Limited [C-72528]**

**vs**

**Ali Jwaili**

**Maria Rosaria Gweli Pisani**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat minn Ali Jwaili detentur tal-karta tal-identita' numerata 438402L u ta' Maria Rosaria Gweli Pisani detentrici tal-karta tal-identita' numerata 691154M fit-13 ta' Marzu, 2020 fejn ippremettew u talbu s-segwenti:-

Illi r-rikorrenti gew notifikati b' ittra ufficjali bin-numru 366/2020 ipprezentata kontrihom minn Princess Holdings Limited, fejn permezz ta' din l-ittra s-socjeta' imsemmija trid trendi ezegwibbli tlett kambjali u ghalhekk talbet lir-rikorrenti sabiex ihalsuha s-somma ta' tlett mija u sittin Ewro (€360) rapprezentanti l-istess kambjali.

Illi r-rikorrenti kellhom ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, raguni gravi u valida biex jopponu l-ezekuzzjoni u l-hlas ta' dawn il-kambjali kif mitluba mill-imsemmija socjeta', fosthom billi s-socjeta' Princess Holdings Limited hadet bil-forza u kontra r-rieda tar-rikorrenti l-vettura mertu tal-kambjali fejn fl-istess vettura, fost affarijiet ohra, kien hemm is-somma ta' erba' telef Ewro (€4,000). Ghalhekk ir-rikorrenti gja hallsu dak li qieghed jigi mitlub u oltre.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali kollha annessi ma' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 2020 bin-numru 366/2020, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-provi kollha l-ohra prodotti mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali prezentati mill-partijiet;

Rat illi r-Rikors gie mholli ghallum ghall-provvediment finali.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti fl-atti ta' dan ir-rikors irrizulta li l-14 ta' Frar 2018 l-esponent Ali Jwaili akkwista b' titolu ta' Hire Purchase minghand is-socjeta' intimata l-vettura tal-marka 'Toyota Aygo' bin-numru tar-registrazzjoni KQZ-298 u n-numru tac-chassis JTDKG18C30N628503, u dan ghall-prezz globali ta' sebat elef u mitejn Ewro (€7,200) illi kellu jithallas f' pagamenti mensili ta' mija u ghoxrin Euro (€120) – dan kif jirrizulta minn klawsola (2.2) tal-istess skrittura. Fl-istess gurnata illi fiha gie konkluz il-ftehim su-riferit ir-rikorrent iffirma wkoll sittin (60) kambjala, rispettivament fl-ammont tal-pagamenti mensili dovuti minghandu sakemm ikun thallas il-prezz finali. Fuq talba tas-socjeta' intimata – minhabba illi r-rikorrent kellu biss licenzja tas-sewqan Internazzjonali (u kien ghadu dak iz-zmien ma kkompletax il-procedura sabiex jottjeni licenzja tas-sewqan (Maltija) – omm l-istess rikorrent [Maria Rosaria Gweli Pisani] iffirmat il-ftehim mieghu sabiex l-akkwist sar solidament

bejniethom. F' dan ir-rigward l-intiza kienet illi meta r-rikorrenti ikun ottjena l-licenzja Maltija ssir emenda ghall-kuntratt sabiex ommu ma tibqax marbuta bl-istess – dan il-ftehim pero' s-socjeta' intimata eventwalment irrifjutat illi tonorah kif spjegat l-imsemmija rikorrenti fl-affidavit taghha fejn iddikjarat: 'niftakar li wara li jien u t-tifel ffirmajna l-kuntratt, xahar u ftit granet wara, it-tifel gab il-licenzja tas-sewqan Maltija. Minkejja li kellimt lill-kumpanija No Deposit Cars u Princess Holdings Ltd sabiex mill-aktar fis inehhu ismi minn fuq il-kuntratt u jaghmlu kuntratt gdid, dan kien kollu ghal xejn'. Illi bejn l-14 ta' Frar 2018 u l-1 ta' Novembru 2019 twetqu tnejn u ghoxrin pagament mir-rikorrent fl-ammont globali ta' elfejn, sitt mija u erbghin Euro (€2,640), u dan jinsab rifless fir-rendikont anness mal-ittra Ufficjali 366/2020 (Dok 4).

Illi fl-affidavit minnu prezentat fl-atti tal-procedura odjerna r-rikorrent Ali Jwaili ddikjara illi – ghalkemm huwa kien aderixxa ruhu mal-ftehim b' dan illi kien hallas il-pagamenti mensili fuq indikati b' mod puntwali – tul il-perjodu su-riferit kienu nqalghu diversi problemi mas-socjeta' intimata fosthom:

Okkazzjoni fejn sehh incident billi vettura ohra rriversjat ghal fuq il-vettura misjuqa mir-rikorrent. Jwaili spjega illi peress li l-istess vettura kienet ghadha milquta bil-Hire Purchase Agreement is-socjeta' assikuratrici illi kienet tkopri lit-terz illi wettaq il-hsara kellha tikkomunika direttament mas-socjeta' intimata. Madanakollu nonostante diversi talbiet da parti tieghu, is-socjeta' Princess Holdings Limited qatt ma wettqet din il-komunikazzjoni bil-konsegwenza illi l-hsara qatt ma giet rimedjata. Irrizulta wkoll illi s-socjeta' intimata kienet naqset milli tikkomunika mar-

rikorrent dwar il-fatt illi kienet irceviet numru ta' citazzjonijiet relattivi ghall-vettura de quo fl-ammont komplessiv ta' circa hames mitt Euro (€500). Kien biss f' Novembru 2019, meta l-imsemmija socjeta' intimata baghtet ghar-rikorrent Ali Jwaili sabiex ihallas ghat-tigdid tal-polza tal-assigurazzjoni, illi huwa gie mgharraf bl-istess ammont. Ir-rikorrent spjega kif kemm hu u kif ukoll diversi mill-kollegi tieghu kienu ghamlu zmien jipparkjaw (ghal perjodu qasir) f' post riservat ghall-lukanda fejn huma jahdmu. Peress illi l-vettura kienet tinqabad minn camera sitwata fil-vicin (u li ghal zmien twil ma kinitx tiffunzjona) huwa ma kienx isib il-karta fuq il-windscreen u ghalhekk ma kienx konxju dwar ic-citazzjonijiet su-riferiti. Huwa spjega:

'Fil-kazijiet ta' shabi il-lukanda ghenithom sabiex jikkontestaw ic-citazzjonijiet imma fil-kaz tieghi, peress illi kienu jircevewhom Princess Holdings Ltd/No Deposit Cars, la kont naf bic-citazzjonijiet u lanqas bid-data tas-smiegh quddiem it-Tribunal!. Ovvjament allura Jiena qatt ma stajt nikkontesta dawn ic-citazzjonijiet gjaladarba ma kontx naf bihom! Kont sahansitra mort il-Kunsill Lokali ta' San Giljan izda qaluli li ma setghux ituni informazzjoni peress illi l-karozza ma kinitx irregistrata fuqi'

Wara li s-sitwazzjoni fuq indikata giet a konjizzjoni tieghu – u wara li ottjena parir legali fir-rigward – fis-6 ta' Dicembru 2019 ir-rikorrent kien attenda fl-ufficju tas-socjeta' intimata sabiex ihallas il-bilanc dovut fuq il-vettura u jaqta' l-komunikazzjoni kollha mal-istess socjeta' intimata. Fl-affidavit fuq indikat l-imsemmi rikorrent iddeskriva kif, filwaqt illi huwa kien talab lir-rapprezentant tas-socjeta' intimata (Chris Borg) sabiex jirriduci l-bilanc tal-ammont dovut in konnessjoni mac-citazzjonijiet illi ma kinux gew mghoddija lilu: 's-sitt irgiel li kienu hemm daruni, waqt li wiehed minnhom

li jkun dejjem ma' Christian Borg ghax rajtu fuq il-mezzi meta gabu dak l-attakk vjolenti fuq barrani ftit ilu, dahal gol-karozza tieghi u hadieli b' kollox li kien hemm go fiha – inkluzi l-€4,000, irceuti tal-hlasijiet li kont ghamilt fuq l-istess vettura, affarijiet tat-tifla tieghi u c-charger tal-mobile. Jien bdejt nghajjat u ghedtilhom li kont ser nirraporta kollox lil Pulizija Ezekuttiva. Sfortunatament dak il-hin Christian Borg beda jitkellem b' mod mhux xieraq tant li mhuwiex xieraq nirrepeti hawnhekk x' qal dwar il-Pulizija'. Jwaili kompla jiddeskrivi kif dak il-hin – filwaqt illi kien ixxukjat u mbezza' – hareg mill-ufficju u ma seta' jmur imkien peress illi kienu hadulu l-karozza. Wara li cempel lill-avukat tieghu huwa mar l-ghassa tal-Pulizija b' taxi u ghamel rapport dwar l-incident.

Ftit xhur wara r-rikorrent ra l-istess vettura (KQZ298) misjuqa minn ragel barrani (certu Daniel Renato Lopes Ramos) illi nfurmah illi kien akkwista l-istess vettura minghand No Deposit Cars Malta. Dan ir-ragel evidentement ma kienx konxju tl-fatt illi l-imsemmi rikorrent kien wettaq hlas sostanzjali propju ghall-vettura in kwistjoni. Sussegwentement f-10 ta' Lulju 2020 Jwaili rcieva rcevuta (permezz ta' messagg fuq whats app) indirizzata lil dan l-istess barrani in konnessjoni ma' pagament ta' mitt Euro (€100) fuq din il-vettura. Dan il-messagg evidentement intbaghat lilu bi zball minghand is-socjeta' intimata. (Dok B datat id-9 ta' Lulju 2020 anness mal-affidavit tar-rikorrent);

Illi s-socjeta' intimata ssostni li r-rikorrenti ma resqu ebda prova oggettiva in sostenn tal-allegazzjonijiet minnhom maghmula u li ma jezistux ir-rekwiziti fil-ligi sabiex tintlaqa' it-talba tal-istess rikorrenti ghall-oppozizzjoni tal-kambjali in kwistjoni u ma tissussistiex raguni gravi u

valida sabiex jigu attakkati l-istess kambjali. L-istess socjeta' intimata tirritjeni li r-rikors odjern huwa biss tentattiv da parti tar-rikorrenti sabiex jaharbu mill-obbligi taghhom u ma jhallsux djunhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal procedura specjali fejn kambjali (jew *promissory notes*[1]) mahruga skont il-Kodici tal-Kummerc jitqiesu bhala titoli ezekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala, b' digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala kollha jew f'parti minnha. Din il-procedura tittiehed fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni, liema rikors ghandu jigi pprezentat entro ghoxrin (20) gurnata mid-data tan-notifika lilha tal-ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi dik il-kambjala ezekuttiva. F'kaz li l-qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, il-kreditur ikollu jiftah kawza skont id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 13 biex jezigi l-hlas tal-kambjala.

Il-Qorti tosserva illi l-procedura prospettata fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 filwaqt illi hija wahda specjali, hija wkoll procedura preliminari fejn il-verifika li ghandha ssir mill-Qorti hija wahda limitata li ssir fuq bazi *prima facie*[2] biex jigi determinat jekk: (i) il-firma fuq il-kambjala jew promissory note ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-

[1] Il-proceduri odjerni jitrattaw kambjali u mhux promissory notes u ghalhekk mhux ser issir referenza hlief ghal kambjali.
[2] **Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2016.

rappreżentant tiegħu; jew (ii) li ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta' Frar 2008 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi**, intqal hekk:-

> *"… l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu gie rez bhala procedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem prima facie izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens."*

Din il-verifika ghandha ssir minghajr ma jsir stharrig tal-mertu tal-kontenzjoni bejn il-partijiet, jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reciproci bejn il-partijiet, u dan ghaliex l-istharrig tal-mertu jmissu jsir fil-kawza li jkollha titressaq mill-kreditur f'kaz illi l-qorti tilqa' t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Wara kollox, billi l-kambjala hija fiha nnifisha prova tad-dejn li jkun inholoq, l-emenda li saret bid-dhul fis-sehh tal-Att IX tal-2004 li bih l-kambjala saret titolu ezekuttiv, kienet intiza biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fi kwalsiasi kaz ferm limitati.

Effettivament, is-sub inciz (e) tal-Artikolu 253 jillimita b'mod espress ir-ragunijiet li minhabba fihom tista' tintalab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Dawn ir-ragunijiet huma: (i) illi l-firma fuq il-kambjala ma

tkunx ta' min ikun qed jopponi ghall-ezekuzzjoni taghha jew tar-rapprezentant tieghu; jew (ii) ikunu jezistu ragunijiet ohra gravi u validi biex issir oppozizzjoni ghal dik l-ezekuzzjoni.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tar-ragunijiet gravi u validi prospettati mis-sub inciz (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-ragunijiet elenkati mill-Kodici tal-Kummerc li minhabba fihom kambjala tista' tinzamm milli tithallas. Kull ma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-qorti tara jekk, *prima facie*, hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala, u dan sabiex f'kaz affermattiv, ir-rikorrent ikollu l-opportunita` jikkontesta l-kawza eventwali li, f'kaz li tintlaqa' t-talba tieghu ghas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawza bhal dik, l-eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-mansjoni tal-qorti f'proceduri bhal dawn, taht l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, illi tiddetermina jekk il-konvenut ikunx jista' jressaq b'success dawn l-eccezzjonijiet f'kawza eventwali."[3]

Illi ssir hawnhekk referenza ghal dak illi sostniet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet: Anjake Limited bs Ronald Robert Belani[4] fir-rigward tal-applikazzjoni tal-provvediment su-citat, senjatament:

> 'il-ligi ma tispecifikax r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b' xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonalment ghax il-legislatur ihalli fid-diskrezzoni tal-Qorti f' liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' t-talba jew le'.

---

[3]**Ian Pecorella vs. Sovereign Caterers Limited,** 11.03.2009, Prim'Awla.
[4] Rik. Gur. Nru. 1165/15AF deciza fis-17 ta' Jannar, 2017

Illi l-principju su-riferit gie kkunsidrat ukoll mill-Prim Awla fis-sentenza fl-ismijiet 240 Contracting Limited vs Marsaxlokk Football Club[5] fejn gie osservat illi l-ligi ma tispecifikax tassattivament fiex jikkonsistu r-ragunijiet de quo bi skop:

> 'Ma jidhirx li dan kien nuqqas min-naha tal-legislatur, izda thollija ghad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, fil-kaz partikolari li jitressaq quddiemhom u f' ezercizzju mad-daqqa t' ghajn, x' tista' tkun ir-raguni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta' kambjali jew promissory note.
>
> Illi jissemmew kazijiet li jixhtu dawl dwar liema jistghu jkunu dawk ic-cirkostanzi serji bizzejjed biex jitqiesu bhala "raguni gravi" ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu 253€. Ghalhekk, b' ezempju, jidher li jekk kemm -il darba jintwera mad-daqqa t' ghajn il-kambjala tkun inharget bi vjolenza fuq il-persuna li gibditha jew jekk tkun saret ghal ghanijiet li jiksru xi ligi, dawn ic-cirkostanzi jistghu jitqiesu bhala "gravi" biex iservu halli titwaqqaf l-ezekuzzjoni taghhom, sakemm l-azzjoni ghat-thassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistharga minn qorti. Hekk ukoll hija raguni tajba ghaz-zamma tal-ezekuzzjoni ta' kambjali fejn l-intima bl-ittra gudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjali, jew fejn il-kambjala tkun inharget bla ma jissemma l-kreditur taghha. Izda l-fatt li l-ezekuzzjoni ta' kambjali minn sensiela ta' kambjali mahruga u accettati tkun inzammet b' ordni ta' xi qorti, ma jzommx tabilfors l-ezekuzzjoni ta' kambjala ohra minn sensiela bhal dik, u dan ghaliex irid

[5] PA 19/09/2013 – cit minn George Spiteri bs Marsaxlokk Football Club et (Rik. 1081/15LM) deciza 27/03/201

> jithares il-karattru awtonomu ta' kambjali bhala strument ta' kreditu; Illi la darba, f' dan il-kaz, il-kambjala baqghet ma gietx girata, il-Qorti ma tistax twarrabha ghal kollox mill-qafas li fih inharget u ghal liema obbligazzjoni jew kontrattazzjoni tirreferi.'

Illi l-ahhar punt trattat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza appena citata jsib ukoll applikazzjoni fil-kaz odjern in kwantu illi l-kambjali illi qieghda tittenta tezegwixxi s-socjeta' intimata ma gewx iggirati u ghaldaqstant ghadhom fil-fazi kuntrattwali, b' dan illi l-obbligazzjoni illi giet kostitwita bl-istess kambjali ma tistax tigi distakkata mir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Dan il-punt gie kkunsidrat mill-Prim Awla fis-sentenza fl-ismijiet Edward Pavia vs Austin Camilleri[6].

> L-obbligazzjoni kambjarja tikseb l-awtonomija taghha meta tigi girata f' idejn terzi: fi kwistjonijiet bejn dawk li kienu parti fir-relazzjoni kuntrattwali li wasslet ghall-hrug tal-kambjala, l-obbligazzjoni kambjarja ma tinqatax mir-relazzjoni kuntrattwali. Fil-kaz tal-lum il-kambjala ghadha fil-fazi "kuntrattwali", mhux dik "kambjarja", u ghalhekk jistghu jsiru eccezzjonijiet personali ghall-partijiet, kif ighid l-art. 198 tal-Kodici tal-Kummerc.

Illi l-kambjali mertu tal-procedura odjerna jirraprezentaw hlas ghal oggett li r-rikorrenti jallegaw li ttiehed illegalment u vjolentement mill-pussess taghhom u sussegwentement gie mibjugh lil terzi persuni mis-socjeta' intimata. Fic-cirkostanzi din il-Qorti jidrilha li jirrizultaw ragunijiet ta' natura gravi li jiggustifikaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali annessi

[6] PA 24/2006 deciza 26/10/2010 u kkonfermata mill-QA fis-27/06/2014

mal-ittra ufficjali numru 366/20 u sejra ghalhekk tezercita id-diskrezzjoni lilha fdata mill-legislatur f'dan is-sens.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent fir-rikors promotur sabiex ma jkunx hemm l-ezekuzzjoni tal-kambjali kollha annessi mal-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 2020 bin-numru 366/20 u konsegwentement tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dawn il-kambjali a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mis-socjeta' intimata.

______________________

**Dr. Audrey Demicoli**

**Magistrat**

______________________

Graziella Abela

Deputat Registratur